

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/441**tal-4 ta' Marzu 2019****dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 764/2006 ⁽²⁾ dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk ("il-Ftehim"). Il-Ftehim sussegwentement ġie mġedded b'mod taċitu.
- (2) L-aħħar Protokoll li jimplementa l-Ftehim u li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fih skada fl-14 ta' Lulju 2018.
- (3) Fis-sentenza tagħha fil-kawża C-266/16 ⁽³⁾ b'risposta għal talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità u l-interpretazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Qorti ddeċidiet li la l-Ftehim u lanqas il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu ma japplikaw għall-ilmijiet li jmissu mat-territorju tas-Sahara tal-Punent.
- (4) L-Unjoni ma tippreġudikax l-eżitu tal-proċess politiku dwar l-istatus finali tas-Sahara tal-Punent li qed iseħħ taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti, u hija rriaffermtat b'mod kostanti l-impenn tagħha għal soluzzjoni tat-tilwim fis-Sahara tal-Punent, li bħalissa huwa elenkat min-Nazzjonijiet Uniti bħala territorju mhux awtonomu u li huwa amministrat prinċipalment mir-Renju tal-Marokk. Hija tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-mibgħut personali tiegħu biex jgħin lill-partijiet jaslu għal soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u aċċettabbli b'mod reċiproku, li tippermetti l-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Sahara tal-Punent bħala parti mill-arranġamenti konformi mal-finijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u kif stabbilit fir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU"), u b'mod partikolari r-Riżoluzzjonijiet KSNU 2152 (2014), KSNU 2218 (2015), KSNU 2285 (2016), KSNU 2351 (2017) u KSNU 2414 (2018).
- (5) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-flotot tal-Unjoni jkomplu bl-attivitatijiet tas-sajd li ilhom iwettqu mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, u jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim jiġi ddefinit b'mod li jinkludi l-ilmijiet li jmissu mat-territorju tas-Sahara tal-Punent. Barra minn hekk, il-kontinwazzjoni tas-sħubija dwar is-sajd hija essenzjali sabiex dak it-territorju jkun jista' jkompli jgawdi mill-appoġġ settorjali pprovdut taħt il-Ftehim, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem, u għall-benefiċċju tal-popolazzjoni kkonċernata.
- (6) Għal dak l-għan, fis-16 ta' April 2018 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati mar-Renju tal-Marokk bil-ħsieb li jiġi emendat il-Ftehim u li jintlaħaq qbil dwar Protokoll ta' Implimentazzjoni ġdid. B'segwitu għal dawk in-negozjati, fl-24 ta' Lulju 2018 ġew inizjalati Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk ("il-Ftehim dwar is-Sajd"), kif ukoll Protokoll ta' Implimentazzjoni ġdid għalih, li jinkludi l-Anness u l-Appendiċijiet għal dak il-Protokoll, u l-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim dwar is-Sajd li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar is-Sajd.

⁽¹⁾ Approvazzjoni tat-12 ta' Frar 2019 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006 tat- 22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 141, 29.5.2006, p. 1).

⁽³⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Frar 2018, *Western Sahara Campaign UK*, C-266/16, ECLI:EU:C:2018:118.

- (7) L-oġġettiv tal-Ftehim dwar is-Sajd huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Renju tal-Marokk jaħdmu flimkien aktar mill-qrib rigward il-promozzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd definita fil-Ftehim dwar is-Sajd u li jiġu appoġġati l-isforzi tar-Renju tal-Marokk biex jiżviluppa s-settur tas-sajd u l-ekonomija blu. B'dan il-mod il-Ftehim jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (8) Il-Kummissjoni vvalutat l-impatt potenzjali tal-Ftehim dwar is-Sajd fuq l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċċji għall-popolazzjoni kkonċernata u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati.
- (9) Konformement ma' dik l-evalwazzjoni, jidher li l-Ftehim dwar is-Sajd ikun ta' benefiċċju kbir għall-popolazzjoni kkonċernata minħabba l-impatt soċjoekonomiku pożittiv għal dik il-popolazzjoni, b'mod partikolari f'termini ta' impjiegi u ta' investiment, u f'termini tal-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp tas-settur tas-sajd u s-settur tal-ipproċessar tal-ħut.
- (10) Bl-istess mod, jidher li l-Ftehim dwar is-Sajd jirrappreżenta l-aqwa garanzija għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-ilmijiet li jmissu mas-Sahara tal-Punent, peress li l-attivitajiet tas-sajd jikkonformaw mal-aqwa parir u rakkomandazzjonijiet xjentifiċi f'dan il-qasam u huma soġġetti għal miżuri xierqa ta' monitoraġġ u ta' kontroll.
- (11) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ifformulati fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, ħadet il-miżuri raġonevoli u possibbli kollha fil-kuntest attwali biex il-popolazzjoni kkonċernata tiġi involuta b'mod xieraq sabiex jiġi determinat il-kunsens tagħhom. Saru konsultazzjonijiet estensivi fis-Sahara tal-Punent u fir-Renju tal-Marokk, u l-atturi soċjoekonomiċi u politiċi li ħadu sehem fil-konsultazzjonijiet kienu b'mod ċar favur il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd. Madankollu, il-Front Polisario u xi partijiet oħra ma aċċettawx li jieħdu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni.
- (12) Dawk li ma aċċettawx li jieħdu sehem fil-proċess ma aċċettawx l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu għall-ilmijiet li jmissu mas-Sahara tal-Punent, għaliex ħassew essenzjalment li dawk l-atti jikkonfermaw il-pożizzjoni tal-Marokk fir-rigward tat-territorju tas-Sahara tal-Punent. Madankollu, mhemm xejn fit-termini tal-Ftehim dwar is-Sajd jew tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu li jimplika rikonoxximent tas-sovranietà jew tad-drittijiet sovrani tar-Renju tal-Marokk fuq is-Sahara tal-Punent u l-ilmijiet li jmissu magħha. L-Unjoni ser tkompli wkoll tintensifika l-isforzi tagħha b'appoġġ għall-proċess, mibdi u mmexxi taħt l-awspiċċi tan-Nazzjonijiet Uniti, ta' riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim.
- (13) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2068⁽⁴⁾, il-Ftehim dwar is-Sajd, il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u l-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim dwar is-Sajd ġew iffirmati fl-14 ta' Jannar 2019, soġġett għall-konklużjoni tagħhom f'data aktar 'il quddiem.
- (14) Jenħtieġ li l-Ftehim dwar is-Sajd, il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u l-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim dwar is-Sajd jiġu approvati,
- (15) L-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar is-Sajd jistabbilixxi l-Kumitat Konġunt responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta emendi għall-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd, f'konformità mal-Artikolu 13(3) tal-Ftehim dwar is-Sajd. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawk l-emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-segħta, soġġett għal kondizzjonijiet speċifiċi, li tapprova tali emendi taħt proċedura simplifikata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk ("il-Ftehim dwar is-Sajd"), il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u l-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim dwar is-Sajd huma b'dan approvati fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim dwar is-Sajd, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-Anness u l-Appendiċċijiet għal dak il-Protokoll, u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja dan il-Ftehim dwar is-Sajd huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2068 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim (ĠU L 331, 28.12.2018, p. 1).

Artikolu 2

F'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tapprova, fisem l-Unjoni, l-emendi għall-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd li jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar is-Sajd.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 17 tal-Ftehim dwar is-Sajd u fl-Artikolu 15 tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

A. ANTON

ANNEX

Ambitu tas-setgħat mogħtija u proċedura għad-determinazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt

1. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tinnegozja mar-Renju tal-Marokk u, fejn xieraq u soġġett għall-osservanza tal-punt 3 ta' dan l-Anness, taqbel dwar l-emendi għall-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-aġġustament tal-opportunitajiet tas-sajd u, bħala konsegwenza, tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 12(2)(a) u (b) tal-Ftehim dwar is-Sajd;
 - (b) l-arranġamenti ta' appoġġ settorjali u, bħala konsegwenza, tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 12(2)(c) tal-Ftehim dwar is-Sajd;
 - (c) il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti tekniċi li skonthom il-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom.
2. Fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim dwar is-Sajd, l-Unjoni għandha:
 - (a) taġixxi f'konformità mal-objettivi tagħha fir-rigward tal-politika komuni tas-sajd;
 - (b) tippromwovi pożizzjonijiet li huma konsistenti mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u li jqisu l-ġestjoni konġunta mill-Istati kostali.
3. Meta tkun ser tiġi adottata deċiżjoni dwar emendi għall-Protokoll ta' Implimentazzjoni msemmi fil-punt 1 waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-pożizzjoni li tiġi espressa fisem l-Unjoni tqis l-informazzjoni statistika, bijoloġika u informazzjoni oħra rilevanti l-aktar reċenti mibgħuta lill-Kummissjoni.
4. Għal dak il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, dokument li jstabbilixxi l-partikolaritajiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni proposta għandu jintbagħat mis-servizzi tal-Kummissjoni, fi żmien biżżejjed qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt, lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu għall-konsiderazzjoni u approvazzjoni.
5. Fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmijin fil-punt 1(a), l-approvazzjoni, mill-Kunsill, tal-pożizzjoni prevista tal-Unjoni għandha tirrikjedi maġġoranza kwalifikata ta' voti. Fil-każijiet l-oħra, il-pożizzjoni tal-Unjoni prevista fid-dokument ta' tħejjija għandha titqies li tkun maqbula, sakemm għadd ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li tibblokka ma joġġezzjonax waqt laqgħa tal-korp preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien 20 jum mill-wasla tad-dokument ta' tħejjija, skont liema jseħħ l-ewwel. F'każ ta' tali oġġezzjoni, il-kwistjoni għandha tiġi rreferita lill-Kunsill.
6. Jekk, matul laqgħat oħrajn, u anki fil-post, ma jkunx possibbli li jintlaħaq qbil li jippermetti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis elementi l-ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi rreferita lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.
7. Il-Kummissjoni hija mistiedna biex, fi żmien debitu, tieħu kull pass meħtieġ bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-preżentazzjoni ta' kwalunkwe proposta xierqa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.